Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11199 — INGKA / MORSANO / MOPET)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 318/07)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ingka Holding B.V. ("Ingka", in-Netherlands),

— Morsano B.V. ("Morsano", in-Netherlands),

— Mopet Beheer B.V. ("Mopet", in-Netherlands), ikkontrollata minn Morsano B.V.

Ingka u Morsano se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Mopet kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— In-negozju ta' Ingka ġeneralment jista' jinqasam fi tliet diviżjonijiet ewlenin:

  a. IKEA Retail, li tikkonsisti fl-operat tal-ħwienet tal-IKEA bħala franchisee tal-kunċett tal-IKEA, kif ukoll il-kummerċ permezz tal-kanali tal-bejgħ online tagħha,

  b. Ingka Centres li joħolqu u joperaw ċentri kummerċjali madwar id-dinja,

  c. Ingka Investiments li twettaq investimenti relatati mal-iżvilupp tan-negozju u d-diġitalizzazzjoni, soluzzjonijiet tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, il-provvista ta' riżorsi ċirkolari, art forestali, proprjetà immobbli u swieq finanzjarji,

— Morsano hija l-kumpanija attwali li tikkontrolla l-ishma kif ukoll il-kumpanija azzjonista ta' Mopet,

— Mopet hija fornitur ta' servizzi ta' riċiklaġġ tal-plastik mekkaniku u kimiku, li jippermetti l-użu sostenibbli tal-materja prima. Bħala tali, Mopet hija produttur ta' materja prima riċiklata ta' grad għoli u prodotti sostenibbli għall-konsumaturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11199 — INGKA / MORSANO / MOPET

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË